



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.12.2006
KUMM(2006) 907 finali

2006/0291 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda

d-Direttiva Nru 2005/32/KE

dwar it-twaqqif ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 96/57/KE u Nru 2000/55/KE, rigward il-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni

(preżentata mill-Kummissjoni)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda

d-Direttiva Nru 2005/32/KE

dwar it-twaqqif ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 96/57/KE u Nru 2000/55/KE, rigward il-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implantazzjoni konferiti lill-Kummissjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni³,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁴,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2005/32/KE⁵, kif ukoll it-tliet Direttivi li jikkostitwixxu miżuri ta' implantazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 15 tad-Direttiva Nru 2005/32/KE, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill Nru 92/42/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza għal kaldaruni tal-mišħun ġoddha li jaħdmu b'karburanti likwidji jew gassużi⁶, id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 96/57/KE tat-3 ta' Settembru 1996 fuq ħtiġiet ta' effiċjenza fl-enerġija għall-friġġijiet, friżers elettriċi domestiċi u kombinazzjonijiet tagħhom⁷, u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2000/55/KE tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza fl-enerġija ta' alimentaturi għal dawl fluorexxenti⁸, jipprevedu li ċerti miżuri huma adottati b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE

¹ ĠU L [...], [...], p. [...].

² ĠU L [...], [...], p. [...].

³ ĠU L [...], [...], p. [...].

⁴ ĠU L [...], [...], p. [...].

⁵ ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29

⁶ ĠU L 167, 22.6.1992, p. 17. Direttiva emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/32/KE.

⁷ ĠU L 236, 18.9.1996, p. 36. Direttiva emendata bid-Direttiva 2005/32/KE.

⁸ ĠU L 279, 1.11.2000, p. 33. Direttiva emendata bid-Direttiva 2005/32/KE.

tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni⁹.

- (2) Id-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE ġiet emadata bid-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE, li daħħlet proċedura regolatorja bi skrutinju għall-użu fl-adozzjoni ta' miżuri ta' ambitu ġenerali bil-għan li jemendaw elementi mhux essenzjali ta' att bażiku adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, *inter alia* billi tħassar xi wħud minn dawk l-elementi jew billi tissupplimenta l-att biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali oħra.
- (3) Skond id-Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni¹⁰ dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, atti li huma diġà fis-seħħi għandhom jiġu aġġustati skond il-proċeduri applikabbli biex il-proċedura regolatorja prevista fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE tinbidel bil-proċedura regolatorja bi skrutinju, fil-każijiet kollha fejn il-miżuri jaqgħu taħt l-ambitu tagħha,
- (4) Id-dikjarazzjoni tindika lista ta' atti li għandhom ikunu aġġustati b'urġenza, inkluża d-Direttiva Nru 2005/32/KE. L-adozzjoni ta' din id-Direttiva tinhieg l-adozzjoni tad-Direttivi Nru 92/42/KEE, Nru 96/57/KE u Nru 2000/55/KE.
- (5) B'mod partikolari, għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni li temenda jew tirrevoka d-Direttivi Nru 92/42/KEE, Nru 96/57/KE u Nru 2000/55/KE. Din l-emenda jew revoka għandha tiġi deċiżza skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE.
- (6) Għalhekk, id-Direttiva Nru 2005/32/KE, kif ukoll id-Direttivi Nru 92/42/KEE, Nru 96/57/KE u Nru 2000/55/KE, għandhom jiġu emendati.
- (7) Peress li l-emendi li għandhom isiru fid-Direttiva Nru 2005/32/KE, kif ukoll fid-Direttivi Nru 92/42/KEE, Nru 96/57/KE u Nru 2000/55/KE b'din id-Direttiva huma aġġustament ta' natura teknika li jikkonċernaw biss il-proċedura ta' kumitat, dawn ma jinħtiġux traspożizzjoni fl-Istati Membri. Għaldaqstant, mhux neċessarju li jkunu inklużi dispożizzjonijiet f'dan is-sens,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 19 tad-Direttiva Nru 2005/32/KE, l-Artikolu 2(a) li ġej għandu jiżdied:

" 2(a) Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5(a) (1) – (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE, filwaqt li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha. »

⁹ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni emadata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

¹⁰ ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.

Artikolu 2

Fl-Artikolu 10(a) tad-Direttiva Nru 92/42/KEE, il-kliem "skond l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva Nru 2005/32/KE" għandhom jinbidlu bil-kliem "skond l-Artikolu 19(2)(a) tad-Direttiva Nru 2005/32/KE".

Artikolu 3

Fl-Artikolu 9(a) tad-Direttiva Nru 96/57/KE, il-kliem "skond l-Artikolu 19 (2) tad-Direttiva Nru 2005/32/KE" għandhom jinbidlu bil-kliem "skond l-Artikolu 19 (2)(a) tad-Direttiva Nru 2005/32/KE".

Artikolu 4

Fl-Artikolu 9(a) tad-Direttiva Nru 2000/55/KE, il-kliem "skond l-Artikolu 19 (2) tad-Direttiva Nru 2005/32/KE" għandhom jinbidlu bil-kliem "skond l-Artikolu 19 (2)(a) tad-Direttiva Nru 2005/32/KE".

Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħi f [...] jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċċiali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-President
Il-President*